A.L. 184 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 504)

Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Iskart

TAQSIM TAR-REGOLAMENTI

		REGOLAMENTI
PARTI I	**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U TIFSIRIET**	**1 - 7**
PARTI II	**REKWIŻITI ĠENERALI**	**8 - 11**
PARTI III	**L-IMMANIĠĠAR TA' L-ISKART**	**12 - 18**
PARTI IV	**PERMESSI U REĠISTRAZZJONI**	**19 - 27**
PARTI V	**PJANIJIET U PROGRAMMI**	**28 - 31**
PARTI VI	**ISPEZZJONIJIET U REĠISTRI**	**32 - 36**
PARTI VII	**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**	**37**
SKEDA 1	**OPERAZZJONIJIET TA' RIMI**	
SKEDA 2	**OPERAZZJONIJIET TA' RKUPRU**	
SKEDA 3	**PROPRJETAJIET TA' SKART LI JIRRENDUH PERIKOLUŻ**	
SKEDA 4	**ESKLUŻJONIJIET MILL-ĦTIĠIET STABBILITI FIS-SUBREGOLAMENT (1) SA REGOLAMENT 24**	
SKEDA 5	**PROGRAMMI DWAR L-PREVENZJONI TA' L-ISKART U L-IMMANIĠĠAR TA' L-ISKART**	

SKEDA 6	**EŻEMPJI TA' MIŻURI TA' PREVENZJONI TAL-ISKART IMSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 36**
SKEDA 7	**RESPONSABBILTÀ ESTIŻA TA' PRODUTTURI**
SKEDA 8	**PERMESS TA' KUNSINNA**
SKEDA 9	**NOTA TA' KUNSINNA**
SKEDA 10	**DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ MAL-KRITERJI TA' TMIEM TA' L-ISKART, IMSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 7**

A.L. 184 tal-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Iskart

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

PARTI I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U TIFSIRIET

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Iskart.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Skop.

2. (1) Dawn ir-regolamenti iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-Iskart u li tħassar id-Direttivi 75/439/KEE, 91/689/KEE u 2006/12/KE.

(2) L-għan tad-Direttiva huwa, biex tistabilixxi miżuri għall-protezzjoni ta' l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' l-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar ta' l-iskart, u permezz tat-tnaqqis ta' l-impatti ġenerali ta' l-użu ta' riżorsi u t-titjib ta' l-effiċjenza ta' użu bħal dan.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Esklużjonijiet

3. (1) Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

(a) rimi ta' gassijiet mitfugħa fl-atmosfera;

(b) art (*in situ*) inkluża ħamrija kontaminata mhux skavata u bini konness ma' l-art b'mod permanenti ma' l-art;

(ċ) ħamrija mhux kontaminata u materjal ieħor li jirriżulta b'mod naturali skavat waqt attivitajiet ta' kostruzzjoni fejn huwa ċert li l-materjal ser jintuża għal finijiet ta' kostruzzjoni fl-istat naturali tiegħu fuq is-sit li minnu kien skavat;

(d) skart radjuattiv;

(e) splussivi li m'għadhomx attivi;

(f) demel, jekk mhux kopert mis-subregolament 2(b) ta' dan ir-regolament, tiben jew materjal naturali ieħor agrikolu jew tal-foresterija li mhux perikoluż użat fil-produzzjoni agrikola, fil-foresterija jew għall-produzzjoni ta' enerġija mill-bijomassa permezz ta' proċessi jew metodi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent jew li ma jipperikolawx is-saħħa tal-bniedem.

(2) Dawn li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti sal-punt li huma koperti minn leġiżlazzjoni nazzjonali oħra:

(a) ilmijiet mormija;

(b) prodotti sekondarji mill-annimali inkluż prodotti proċessati koperti mir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, ħlief dawk li huma destinati għall-inċinerazzjoni, għar-radam jew għall-użu f'impjant ta' bijogass jew ta' kompostaġġ;

(c) karkassi ta' annimali li mietu mhux għax inqatlu, inklużi annimali maqtula għall-qerda ta' l-mard epiżootiku, u li jintremew skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

A.L. 22 tal-2009.

(d) skart li jirriżulta mit-tiftix, estrazzjoni, trattament u ħażna ta' riżorsi minerali u xogħol tal-barrieri kopert mir-Regolamenti tal-2009 dwar il-Ġestjoni ta' Skart (Ġestjoni ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim).

(3) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi taħt leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali rilevanti oħra, is-sedimenti li jergħu jitpoġġew taħt wiċċ l-ilma bil-għan li jiġu maniġġati l-ilmijiet u l-passaġġi ta' l-ilma jew li jevitaw l-għargħar jew inaqqsu l-effetti ta' l-għargħar jew tan-nixfiet jew riklamazzjoni ta' l-art għandhom jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jekk jiġi pruvat li s-sedimenti mhumiex perikoluży.

(4) Jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' regoli speċifiċi għal sitwazzjonijiet partikolari, jew li jissupplimentaw dawk ta' dawn ir-regolamenti, dwar l-immaniġġar ta' kategoriji partikolari ta' skart.

Tifsiriet.

4. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:

"l-aħjar teknika disponibbli" tfisser l-aħjar teknika disponibbli kif hemm fit-tifsira tar-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis; AL 234 ta' l-2002.

"applikant" tfisser kull persuna li tapplika għal permess ambjentali skond kif ikun il-każ taħt dawn ir-regolamenti;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

"avviż ta' infurzar" tfisser id-dokument ta' notifika li għandha tiġi preżentata lid-detentur ta' permess li huwa meqjus mill-Awtorità Kompetenti li jkun, jew li x'aktarx ikun, bi ksur ta' kundizzjonijiet tal-permess tiegħu jew ta' dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali;

"avviż ta' rimedju" tfisser id-dokument ta' avviż ippreżentata lid- detentur tal-permess meta l-Awtorità Kompetenti tqis li l-kondizzjonijiet tal-permess tiegħu m'għadhomx adegwati, jew li l-produzzjoni tal-iskart tiegħu skond il-permess jew attività ta' ġestjoni ta' skart tkun ta' riskju mhux previst għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

"l-Awtorità Kompetenti" għandu jkollha l-istess tifsira ta' "l-awtorita`" kif mfisser fl-artikolu 2 tal-Att;

"bijo-skart" tfisser skart bijodegradabbli tal-ġnien u l-ġonna, skart ta' l-ikel u tal-kċina mid-djar, ristoranti, fornituri ta' l-ikel u postijiet tal-bejgħ u skart komparabbli minn impjanti ta' l-ipproċessar ta' l-ikel;

"detentur ta' l-iskart" tfisser il-produttur ta' l-iskart jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun fil-pussess ta' l-iskart;

"detentur ta' permess" tfisser persuna li tkun talbet u kisbet permess mill-Awtorità Kompetenti;

"ftehim" tfisser ftehim formali milħuq bejn l-Awtorità Kompetenti u l-operaturi ekonomiċi konċernati, li għandu jkun miftuħ għall-imsieħba kollha li jixtiequ jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-ftehim bil-għan li jaħdmu biex jilħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"ġbir" tfisser il-ġbir ta' l-iskart, inkluż l-għażla preliminari u l-ħżin preliminari ta' l-iskart għall-finijiet tat-trasport lejn impjant tat-trattament ta' l-iskart;

"ġbir imħallat" tfisser il-ġbir ta' flussi ta' skart destinati għar-riċiklaġġ flimkien ma' xulxin iżda separatament minn skart ieħor;

"ġbir separat" tfisser il-ġbir fejn il-fluss ta' skart jinżamm separat skond it-tip u l-karatteristika sabiex ikun faċilitat trattament speċifiku;

"irkupru" tfisser kull operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi preparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa'. Skeda 2 tistipula lista mhux eżawrjenti ta' operazzjonijiet ta' rkupru;

"Il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;

"kunsinnatarju" tfisser kull persuna naturali jew legali li tirċievi konsenja ta' skart għal irkupru jew rimi;

"kunsinnatarju" tfisser kull persuna naturali jew legali li jibda it-trasport, barra minn vjeġġ, ta' skart, billi jirrikjedi li l-iskart jitneħħa mill-post li fih dan qed jinżamm;

"maniġġar ta' l-iskart" tfisser il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, inklużi s-superviżjoni ta' dawk l-operazzjonijiet u l-kura ta' wara tas-siti tar-rimi, u inklużi l-azzjonijiet li jittieħdu bħala negozjant jew sensar;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"negozjant" tfisser kull intrapriża li taġixxi fir-rwol ta' prinċipal biex tixtri jew sussegwentement tbigħ l-iskart, inklużi dawk in-negozjanti li ma jieħdux pussess fiżiku ta' l-iskart;

"nota ta' konsenja" tfisser nota li għandha takkumpanja l-kunsinna ta' skart perikoluż jew ta' skart mhux perikoluż, fil-forma stabbilita fi Skeda 9;

"obbligi ta' kura ta' wara" tfisser id-dazji li l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ operatur ta' l-iskart li jwettaq skond ir-regolament 22 ta' dawn ir-regolamenti;

"permess" tfisser kull permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt ir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti;

"permess ta' konsenja" tfisser permess li għandu jkun miksub mill-Awtorità Kompetenti qabel kunsinna ta' skart perikoluż jew mhux perikoluż;

"preparazzjoni għal użu mill-ġdid" tfisser il-verifika, it-tindif jew it-tiswija ta' operazzjonijiet ta' rkupru li biha prodotti jew komponenti ta' prodotti li saru skart jiġu preparati sabiex jintużaw mill-ġdid mingħajr ebda proċessar bil-quddiem ieħor;

"prevenzjoni" tfisser miżuri meħuda qabel sustanza, materjal jew prodott ikunu saru skart, li jnaqqsu:

(a) il-kwantità ta' l-iskart, inkluż permezz ta' l-użu mill-ġdid ta' prodotti jew l-estensjoni tat-tul ta' ħajja tal-prodotti;

(b) l-impatti negattivi ta' l-iskart ġenerat fuq

l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem; jew

(c) il-kontenut ta' sustanzi ta' ħsara f'materjali u prodotti;

"produttur tal-iskart" tfisser kull min bl-attivitajiet tiegħu jipproduċi skart (il-produttur oriġinali ta' l-iskart) jew kull min jagħmel pre-proċessar, taħlit jew operazzjonijiet oħra li jirriżultaw f'bidla fin-natura jew il-kompożizzjoni ta' dan l-iskart;

"riċiklaġġ" tfisser kull operazzjoni ta' rkupru li biha l-materjali ta' l-iskart jiġu proċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra. Dan jinkludi il-proċessar mill-ġdid f'materjal organiku, imma mhux għall-irkupru ta' enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li għandhom jintużaw bħala fjuwils jew għal operazzjonijiet ta' radam;

"riġenerazzjoni ta' żjut għar-rimi" tfisser kull operazzjoni ta' riċiklaġġ li biha jistgħu jiġu prodotti żjut bażiċi bir-raffinar ta' żjut għar-rimi, partikolarment bit-tneħħija tal-kontaminanti, il-prodotti ta' ossidazzjoni u l-additivi li jinsabu f'dawn iż-żjut;

"rimi" tfisser kull operazzjoni li mhijiex irkupru anki meta l-operazzjoni għandha bħala konsegwenza sekondarja r-reklamazzjoni ta' sustanzi jew enerġija. Skeda 1 tistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' operazzjonijiet ta' rimi;

"sensar" tfisser kull intrapriża li tirranġa l-irkupru jew ir-rimi ta' skart f'isem oħrajn, inkluż dawk is-sensara li ma jieħdux pussess fiżiku ta' l-iskart;

"skart" tfisser kull sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi;

"Skart domestiku" ifisser skart minn:

(a) proprjetà domestika, jiġifieri, ta' bini jew parti fil-magħluq ta' bini li huwa użat kompletament għall-finijiet ta' akkomodazzjoni ta' għixien;

(b) dar residenzjali;

(c) fond li jifforma parti ta' università jew skola jew stabbiliment edukattiv ieħor;

(d) fond li jifforma parti ta' sptar jew *nursing home;*

"Skart industrijali" ifisser skart minn xi wieħed mill-bini li ġejjin:

(a) kull post tax-xogħol kif imfisser f'artikolu 2(1) ta' l-Att dwar l-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol; Kap. 424.

(b) kull fond użat għall-finijiet ta', jew b'konnessjoni mal-forniment lill-pubbliku ta' servizzi ta' trasport bl-art, ilma jew arja;

(c) kull fond użat għall-finijiet ta', jew b'konnessjoni mal-provvista ta' gass, ilma jew elettriku jew il-provvista ta' servizzi ta' drenaġġ lill-pubbliku, jew

(d) kull fond użat għall-finijiet ta', jew b'konnessjoni mal-għoti lill-pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet jew servizzi postali;

"skart kummerċjali" tfisser skart minn stabbilimenti użat kollu jew prinċipalment għall-finijiet ta' kummerċ jew negozju jew bl-għanijiet ta' l-isport, rikreazzjoni jew divertiment, minbarra:

(a) skart tad-dar;

(b) skart industrijali;

(c) skart ta' estrazzjoni kif definiti fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim); A.L. 22 tal-2009.

(d) skart ta' kull deskrizzjoni oħra meqjusa bħala mhux kummerċjali mill-Awtorità Kompetenti;

"skart perikoluż" tfisser skart li jkollu waħda jew aktar mill-karatteristiċi perikoluża elenkati fi Skeda 3;

"skart solidu municipali" ifisser skart minn djar, kif ukoll skart kummerċjali, industrijali u istituzzjonali ieħor li, minħabba n-natura jew l-għamla tiegħu, jkun simili għal skart mid-djar;

"trasportatur" tfisser kull persuna li tiġbor u twettaq it-trasport, minbarra vjeġġi ta' skart;

"trattament" tfisser operazzjonijiet ta' rkupru jew rimi, inkluż il-preparazzjoni qabel l-irkupru jew ir-rimi;

"użu mill-ġdid" tfisser kull operazzjoni li biha l-prodotti jew il-komponenti li mhumiex skart jerġgħu jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsubin;

"vjeġġ" huwa kif hemm fit-tifsira tal-Artikolu 2 (34) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart;

"żjut għar-rimi" tfisser kull lubrikazzjoni minerali jew sintetika jew żjut industrijali li m'għadhomx tajbin għall-użu li għalih kienu maħsuba oriġinarjament, bħal żjut użati tal-magna tal-kombustjoni u żjut tal-gearbox, żjut ta' lubrikazzjoni, żjut għat-turbini u żjut idrawliċi.

Prodotti sekondarji.

5. (1) Sustanza jew oġġett, li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-oġġett, jista' jitqies li mhuwiex skart kif imsemmi bir-regolament 4 iżda bħala prodott sekondarju biss jekk jiġu sodisfatti il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert;

(b) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu wżati direttament mingħajr xi proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali;

(ċ) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni; u

(d) l-użu ulterjuri jkun skond il-liġi, jiġifieri s-sustanza jew l-oġġett jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' produzzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku u mhuwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

Tmiem ta' l-istatus ta' skart.

6. (1) L-iskart għandu jibqa' jkun skart skond it-tifsira tar-regolament 4 meta dan ikun għadda minn operazzjoni ta' rkupru, inkluż riċiklaġġ, u jkun jikkonforma ma' l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza jew l-oġġett ikun użat komunement għal skopijiet speċifiċi;

(b) ikun jeżisti suq jew tkun teżisti domanda għal dik is-sustanza jew oġġett;

(ċ) is-sustanza jew l-oġġett jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għall-iskopijiet speċifiċi u jissodisfa l-leġiżlazzjoni u l-*istandards* eżistenti applikabbli għall-prodotti;

(d) l-użu tas-sustanza jew l-oġġett ma jwasslux għal impatti ġenerali li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem; u

(e) is-sustanza jew l-oġġett għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni kif stabbilit fi Skeda 10.

(2) Meta l-kriterji ta' tmiem ta' l-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell Komunitarju, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi jekk ċertu skart għandux ikompli jitqies bħala skart jew le, skond ma jkun il-każ, u tista' wkoll tiżviluppa kriterji speċifiċi għall-ċerti flussi ta' skart. Il-kriterji żviluppati mill-Awtorità Kompetenti għandhom jinkludu valuri ta' limitu għal sustanzi li jniġġsu fejn meħtieġ u għandha tieħu kont ta' kull effett possibli ta' riskji ambjentali ħżiena tas-sustanza jew l-oġġett.

(3) Fil-każijiet meta, leġiżlazzjoni u *standards* applikabbli għal prodotti ma jeżistux għall-iskart irkuprat, id-detentur għandu jagħmel dikjarazzjoni li l-leġiżlazzjoni u l-i*standards* applikabbli għal prodotti ma jeżistux għal dik is-sustanza jew oġġett.

(4) Fil-każijiet meta, is-sustanza jew l-oġġett għandhom jiġu aktar trattati biex jitneħħew materjali barranin qabel ma jintużaw bħala materja prima fi proċess industrijali, dik is-sustanza jew oġġett m'għandhomx jieqfu milli jkunu skart fis-sens tar-regolament 4.

(5) Skart li ma jibqax skart skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandu wkoll jieqaf milli jkun skart għall-iskop tal-miri ta' rkupru u r-riċiklaġġ stabbiliti fil-Regolamenti

A.L. 277 tal-2006.

A.L. 63 tal-2007.

A.L. 99 tal-2004.
A.L. 55 tal-2010.

ta' l-2006 dwar l-Ippakkjar u l-Iskart ta' l-Ippakkjar fil-Maniġġar ta' l-Iskart, Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart (Apparat Elettriku u Elettroniku), Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom) u Regolamenti ta' l-2010 dwar Maniġġar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) u leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti oħra meta l-irkupru jew rekwiżiti ta' riċiklaġġ ta' din il-leġiżlazzjoni huma sodisfati.

Lista ta' l-iskart.

7. (1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE li tistabbilixxi lista ta' skart għandhom japplikaw. Il-lista ta' skart għandha tkun vinkolanti fir-rigward tad-determinazzjoni ta' l-iskart li għandu jkun ikkunsidrat bħala skart perikoluż. L-inklużjoni ta' sustanza jew oġġett fil-lista m' għandhiex tfisser li huma skart fiċ-ċirkostanzi kollha. Sustanza jew oġġett għandu jkun ikkunsidrat skart biss meta t-tifsira fir-regolament 4 hija sodisfatta.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tqis skart bħala skart perikoluż fejn, anki jekk ma jidhirx bħal dik fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, ikollu waħda jew aktar mill-proprjetajiet elenkati fi Skeda 3.

(3) Meta l-Awtorità Kompetenti jkollha provi li juru li xi skart speċifiku elenkat fid-Deċiżjoni 2000/532/KE bħala skart perikoluż ma jurix waħda mill-proprjetajiet elenkati fi Skeda 3, jista' jqis dak l-iskart bħala mhux skart perikoluż.

(4) Il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' skart perikoluż bħala skart perikoluż ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' dilwizzjoni jew taħlit ta' l-iskart bil-għan li jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet inizjali ta' sustanzi perikolużi għall-livell taħt il-limiti li jiddefinixxu skart bħala perikoluż stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE.

(5) L-Awtorità Kompetenti tista' tqis skart bħala skart mhux perikoluż skond id-Deċiżjoni 2000/532/KE msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

PARTI II
REKWIŻITI ĠENERALI

Responsabbiltà estiża tal-produtturi.

8. (1) Meta tiġi applikata r-responsabbilta` estiża tal-produttur, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu kont tal-fattibbiltà teknika u vijabbiltà ekonomika u l-impatti fuq l-ambjent, fuq is-saħħa tal-bniedem u soċjali in ġenerali, filwaqt li jirrispettaw il-

ħtieġa li jiżguraw il-funzjonament kif suppost tas-suq intern. L-Awtorità Kompetenti tista' tintroduċi miżuri leġiżlattivi għall-prodotti speċifiċi, bħal żjut u tajers, skond Skeda 7.

Fil-każ ta' l-introduzzjoni ta' miżuri bħal dawn, produtturi ta' l-iskart jistgħu jiġu eżentati parzjalment jew totalment mill-finanzjament tal-ispejjeż ta' ġestjoni tal-iskart skond is-subregolament (7) tar-regolament 12, jekk jiġi deċiż li l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-iskart għandha tinġarr parzjalment jew b'mod sħiħ mill-produttur tal-prodott li minnu ġie l-iskart u li d-distributuri ta' dawk il-prodotti jistgħu jaqsmu dawn l-ispejjeż.

(2) Ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tkun applikata mingħajr preġudizzju għar-responsabilità għall-immaniġġar ta' l-iskart kif previst fis-subregolament (1) tar-regolament 12 u mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni tal-Komunità jew dik Maltija eżistenti dwar flussi ta' skart u prodotti speċifiċi.

Projbizzjoni ta' taħlit ta' skart miġbur separatament.

9. (1) L-istabbiliment jew intrapriża li tiġbor, tittrasporta jew tirċievi skart li ġie miġbur separatament m'għandhomx iħalltu l-iskart ma' skart ieħor jew materjal ieħor bi proprjetajiet differenti.

(2) Il-projbizzjoni fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament japplika biss fejn iż-żamma tal-iskart separat jiffaċilita` jew itejjeb l-irkupru.

Ġbir separat.

10. (1) Bla ħsara għar-regolament 9, il-kunsilli lokali għandhom jistabbilixxu ġbir separat (li jinkludi ġbir imħallat) sal-31 ta' Diċembru, 2013 għal mill-inqas dan li ġej:

(a) karta,

(b) metall,

(ċ) plastik u

(d) ħġieġ,

sabiex jippromwovu riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

(2) Kull trasportatur reġistrat skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart, biex iġorr l-iskart kif imfisser fir-regolament 4 u jiġbor l-iskart tal-

A.L. 106 tal-2007.

karti, metall, plastik jew ħġieġ, separatament, għandhom iżommu kull frazzjonijiet miġbura separati.

(3) Id-dmirijiet f'dan ir-regolament japplikaw biss fejn dawn ikunu:

(a) teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli; u

(b) xierqa biex jintlaħqu l-i*standards* ta' kwalità meħtieġa għar-riċiklaġġ.

Rimi.

11. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li, meta l-irkupru skond Parti 2 ta' Skeda 4 ma jsirx, ir-rimi ta' skart jgħaddi minn operazzjonijiet sikuri li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 1 ta' Skeda 4 dwar il-protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent.

PARTI III
MANNIĠĠAR TA' L-ISKART

Dmir ta' kura.

12. (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull produttur oriġinali ta' l-iskart jew detentur ieħor li jwettaq it-trattament ta' l-iskart huwa stess jew jara' li t-trattament tiegħu jsir minn negozjant jew stabbiliment jew intrapriża li twettaq operazzjonijiet ta' trattament ta' l-iskart jew jiġi organizzat minn entita' tal-ġbir ta' l-iskart privat jew pubbliku maħsuba sabiex jassiguraw li l-iskart jiġi maniġġat, skond il-Parti 1 ta' Skeda 4 u l-kundizzjonijiet mehmuża ma' kull permess.

(2) Għandu jkun id-dmir ta' kull produttur ta' skart oriġinali jew detentur ta' skart ieħor li:

(a) jipprevjenu kull ksur ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jipprevjenu kull ħruġ ta' dak l-iskart mill-kontroll tiegħu jew dak ta' xi persuna oħra; u

(ċ) jiżguraw li dak l-iskart ikun amministrat minn persuna li tkun fil-pussess ta' permess.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għal okkupant ta' dar ma' dak l-iskart domestiku prodott fuq il-proprjetà.

(4) Għandu jkun id-dmir ta' l-okkupant ta' dar li jieħu l-miżuri kollha bħal dawn disponibbli lilu kif huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi sabiex jiżgura li kull trasferiment minnu ta' skart domestiku prodott fuq il-proprjetà isir biss lill-persuna awtorizzata jew lill-persuna għal skopijiet ta' trasport awtorizzati.

(5) Ebda persuna m'għandha tiddepożita xi skart ħlief f'xi faċilità għal ġestjoni ta' skart li huwa awtorizzat li jirċievi l-iskart b'permess.

(6) Meta l-iskart jiġi trasferit mill-produttur oriġinali jew id-detentur għal waħda mill-persuni naturali jew legali msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għal trattament preliminari, ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' rkupru komplut jew operazzjoni ta' rimi m'għandhomx jiġu mormija bħala regola ġenerali. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-Awtorità Kompetenti tista' tispeċifika l-kondizzjonijiet ta' responsabbiltà u tiddeċiedi f'dawk il-każijiet fejn il-produttur oriġinali għandu jżomm ir-responsabbiltà għall-katina kollha tat-trattament jew f'dawk il-każijiet fejn ir-responsabbiltà tal-produttur u d-detentur tista' tiġi kondiviża jew delegata fost l-atturi tal-katina ta' trattament.

(7) L-ispejjeż ta' ġestjoni ta' skart għandhom jitħallsu mill-produttur oriġinali tal-iskart jew mid-detenturi attwali jew ta' qabel, jiddependi fuq min għandu l-obbligu ta' kura għall-iskart skond kull dispożizzjoni ta' dan ir-regolament.

(8) Stabbilimenti jew intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali għandu jwassal l-iskart miġbur u trasportat għal stallazzjonijiet xierqa ta' trattament skond il-Parti 1 ta' Skeda 4.

Limitazzjoni dwar vjeġġi ta' skart li jkun dieħel.

13. B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart, vjeġġi ta' skart li jkunu deħlin destinati għall-inċineraturi li huma klassifikati bħala rkupru għandhom jiġu projbiti, fejn ġie stabbilit li vjeġġi jirriżulta li l-iskart nazzjonali jkollu jintrema jew li l-iskart ikun irid jiġi trattat b'mod li mhuwiex koerenti mal-pjanijiet ta' l-imaniġġar ta' l-iskart nazzjonali ta' Malta.

Kontroll ta' skart perikoluż u skart ieħor.

14. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tiżgura li l-produzzjoni, il-ġbir u t-trasportazzjoni

ta' skart perikoluż, kif ukoll il-ħżin u t-trattament, jitwettqu f'kondizzjonijiet li jipprovdu protezzjoni għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem sabiex jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' Skeda 4.

(2) Id-detenturi ta' skart perikoluż għandhom jiżguraw li, fil-kors ta' ġbir, trasport, u ħżin temporanju, l-iskart perikoluż bħal dan ikun ippakkjat u tikkettjat skond *standards* nazzjonali u internazzjonali jew kif ordnat mill-Awtorità Kompetenti.

(3) Kull persuna li biħsiebha tittrasferixxi skart perikoluż jew kull skart mhux perikoluż kif ordnat mill-Awtorità Kompetenti, fit-territorju jew ilmijiet Maltin għandha tinforma lill-Awtorità Kompetenti tat-trasferiment maħsub u mill-inqas ħmistax-il jum tax-xogħol qabel it-trasferiment attwali huwa pjanat li jsir, l-applikant għandu jippreżenta lill-Awtorità Kompetenti permess tal-konsenja mimlija skond Skeda 8 ta' dawn ir-regolamenti. Permess ta' kunsinna għandu jkun validu għal dak iż-żmien kif l-Awtorità Kompetenti tispeċifika.

(4) Kull meta skart perikoluż jew mhux perikoluż jiġi identifikat mill-Awtorità Kompetenti, huwa trasferit fit-territorju jew ilmijiet Maltin, dan għandu jkun akkumpanjat minn nota ta' kunsinna ta' skart perikoluż kodifikata maħruġa mill-Awtorità Kompetenti, mudell tagħha jinsab fi Skeda 9.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha sussegwentement tipprovdi din il-persuna b'ħames kopji ta' nota ta' kunsinna kodifikati li fihom id-dettalji jridu jintlew mill-konsenjatur, trasportatur u d-destinatarju, skond Skeda 9, kif ġej:

(a) Kopja 1: kopja prenotifika li għandha tintbagħat mill-konsenjatur lill-Awtorità Kompetenti;

(b) Kopja 2: kopja tal-konsenjatur biex tinżamm mill-konsenjatur;

(ċ) Kopja 3: kopja tat-trasportatur, li jakkumpanja l-iskart matul it-trasferiment;

(d) Kopja 4: kopja tal-konsenjatarju li għandha tinżamm mid-destinatarju; u

(e) Kopja 5: kopja tad-depożitu li għandha tintbagħat mid-destinatarju lill-Awtorità Kompetenti.

(6) Mill-inqas tliet ijiem tax-xogħol qabel it-trasferiment attwali meta huwa ipjanat li jseħħ, l-applikant għandu jippreżenta lill-Awtorità Kompetenti nota tal-konsenja mimlija skond Skeda 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(7) Jekk l-Awtorità Kompetenti issib oġġezzjoni fuq it-trasferiment maħsub, l-Awtorità Kompetenti għandha tinforma lill-konsenjatur mill-inqas 48 siegħa qabel id-data pjanata ta' trasferiment.

(8) L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza serje ta' trasferimenti ta' skart li jkollu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi li jseħħu fi żmien 12-il xahar mill-ħruġ ta' awtorizzazzjoni li tkun koperta minn prenotifika waħda.

(9) Jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Awtorità Kompetenti għat-trasferiment maħsub, it-trasferiment għandu jseħħ fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-prenotifika. Fil-każ ta' iktar minn trasferiment wieħed, l-ewwel trasferiment għandu jseħħ fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-prenotifika.

(10) Noti ta' kunsinna ta' l-iskart għandhom jinżammu għal minimu ta' tliet snin u jkunu disponibbli fuq talba lill-Awtorità Kompetenti.

Tariffi.

15. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tintroduċi tariffi ta' proċessar biex ikopru l-ispejjeż magħmula fl-evalwazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet, u fil-ħruġ ta' permessi f'konformita` mar-regolamenti.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' titlob garanzija bankarja biex tiżgura l-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess.

Projbizzjoni ta' taħlit ta' skart perikoluż

16. (1) L-iskart perikoluż m'għandux jitħallat ma' kategoriji oħra ta' skart perikoluż jew ma' skart, sustanzi jew materjali oħrajn. It-taħlit għandu jinkludi d-dilwizzjoni ta' sustanzi perikolużi.

(2) B'deroga mis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti tista' tippermetti taħlit bil-kondizzjoni li:

(a) l-operazzjoni ta' taħlit titwettaq minn stabbiliment jew intrapriża li tkun kisbet permess skond ir-regolament 19;

(b) id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 3 ta' Skeda 4 jiġu osservati u l-impatt negattiv ta' l-immaniġġar ta' l-iskart fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ma jiżdiedx; u

(ċ) l-operazzjoni ta' taħlit tkun konformi ma' l-aħjar teknika disponibbli.

(3) Bla ħsara għal kriterji tekniċi u ta' vijabbiltà ekonomika, fejn skart perikoluż ikun ġie imħallat b'mod li jmur kontra s-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, is-separazzjoni għandha ssir fejn ikun possibbli u meħtieġ sabiex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' Skeda 4.

Skart perikoluż prodott mid-djar.

17. (1) Regolamenti 14, 16 u 34 m'għandhomx japplikaw għal skart imħallat prodott mid-djar.

(2) Regolamenti 14 u 34 m'għandhomx japplikaw għal frazzjonijiet separati ta' skart perikoluż prodott mid-djar qabel ma dawn jiġu aċċettati għall-ġbir, ir-rimi jew l-irkupru minn stabbiliment jew intrapriża li tkun kisbet permess jew li tkun ġiet irreġistrata skond ir-regolamenti 19 jew 28.

Żjut għar-rimi.

18. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati ma' l-immaniġġar ta' l-iskart perikoluż stabbilit fir-regolamenti 14 u 16, żjut għar-rimi għandhom:

(a) jinġabru separatament, fejn dan huwa teknikament possibli;

(b) jiġu trattati skond il-paragrafi 2 u 3 ta' Skeda 4;

(ċ) ma jkunux intużaw bħala fjuwil fil-vetturi tat-toroq, ajruplani jew bastimenti tal-baħar.

(2) Meta jkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli, żjut għar-rimi b'karatteristiċi differenti ma jitħalltux u żjut għar-rimi ma jitħalltux ma' żjut ta' tipi oħrajn ta' skart jew sustanzi, jekk tali taħlit ma jħallix li jiġu trattati.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' skond Skeda 4 u fejn l-Artikoli 11 jew 12 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart japplikaw, jirrestringu l-vjeġġ transkonfini taż-żjut użat minn Malta għall-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni sabiex jagħtu prijorità lir-riġenerazzjoni ta' żejt għar-rimi.

PARTI IV

PERMESSI U REĠISTRAZZJONI

Ħruġ ta' permessi.

19. (1) Bla ħsara għar-regolament 25 kull stabbiliment jew intrapriża li jwettqu trattament ta' skart għandhom jiksbu permess mill-Awtorità Kompetenti.

(2) Permess għandu jispeċifika mill-inqas dan li ġej:

(a) it-tipi u l-kwantitajiet ta' skart li jista' jiġi trattat;

(b) għal kull tip ta' operazzjoni b'permess, ir-rekwiżiti tekniċi u kull rekwiżit ieħor rilevanti għas-sit ikkonċernat;

(ċ) il-miżuri ta' sigurtà u prekawzjoni li jridu jittieħdu;

(d) il-metodu li għandu jintuża għal kull tip ta' operazzjoni;

(e) dawk l-operazzjonijiet ta' monitoraġġ u ta' kontroll skond il-ħtieġa;

(f) dawk id-dispożizzjonijiet ta' għeluq u ta' kura ta' wara skond il-ħtieġa; u

(g) kull informazzjoni oħra mitluba mill-Awtorità Kompetenti biex jgħinu fl-evalwazzjoni tagħha ta' l-applikazzjoni.

(3) Permessi għandhom ikunu validi għal dak iż-żmien kif l-Awtorità Kompetenti tispeċifika, u l-applikazzjoni għat-tiġdid mid-detentur tal-permess għandha tkun deċiża mill-Awtorità Kompetenti skond ir-regolament 21.

(4) Il-permessi taħt dawn ir-regolamenti jistgħu wkoll jinħarġu jew jiġu miżmuma f'isem sħubiji, kumpanniji u intrapriżi kollettivi oħra u korpi korporattivi.

(5) Detentur tal-permess għandu jkun legalment responsabbli u jrid jagħti kontabbilità biex jiġi żgurat li l-attività ta' ġestjoni ta' skart li għalih tkun ingħatat permess titwettaq skond dawn ir-regolamenti u mal-kondizzjonijiet stipulati fil-permess.

(6) Impjegati ta' detentur ta' permess għandhom

ikunu awtorizzati biex jidħlu għal attivitajiet ta' ġestjoni ta' skart taħt dawn ir-regolamenti permezz tal-permess ottenut minn min iħaddem, sakemm:

(a) ikunu qed jaġixxu għan-nom ta' min iħaddem;

(b) ikunu qegħdin jaġixxu fil-kompetenza tal-permess ta' min iħaddem u huma fl-osservanza tat-termini, kondizzjonijiet u r-regoli li huma mehmuża miegħu u dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali;

(ċ) huma kwalifikati kif suppost skond ir-regolament 20.

(7) Impjegati ta' detentur ta' permess għandhom ikunu meqjusa bħala dawk li jaġixxu għan-nom ta' min iħaddem sakemm il-kuntrarju huwa pruvat.

(8) Permess m'għandux ikun trasferibbli, sakemm l-approvazzjoni tal-Awtorita` Kompetenti tkun ġiet mitluba u mogħtija għal dan il-għan.

(9) Bla ħsara għar-regolament 25, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi jekk toħroġx jew le permess fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tirċievi l-applikazzjoni.

(10) Għandha tkun kondizzjoni ta' kull permess li jkopri l-inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni bi rkupru ta' enerġija li l-irkupru ta' l-enerġija jseħħ b'livell għoli ta' effiċjenza fl-enerġija.

(11) Sakemm ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament jiġu sodisfatti, kull permess prodott skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali oħra jistgħu jiġu kombinati mal-permess meħtieġ taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament biex jifforma permess wieħed, fejn dak il-format jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni ta' xogħol mill-operatur jew l-Awtorità Kompetenti.

Kwalifiki tal-impjegati.

20. (1) Kull persuna li tiġbor jew tittrasporta l-iskart fuq bażi professjonali, negozjanti, sensara u operaturi ta' trattament ta' skart għandhom ikollhom il-kwalifiki minimi meħtieġa kif definit mill-Awtorità Kompetenti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' kwalifikazzjoni għandhom jieħdu l-forma ta' kors b'tul ta' żmien u kurrikulum approvati mill-Awtorità Kompetenti. L-Awtorità Kompetenti għandha taċċetta biss ċertifikazzjoni minn istituzzjonijiet ta' aġenziji ta' taħriġ rikonoxxuti.

(2) Dawn l-impjegati kif imsemmi fis-subregolament (1) jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal verifiki każwali minn uffiċjali ta' l-Awtorità Kompetenti.

Rifjut li jinħareġ permess.

21. (1) Meta l-Awtorità Kompetenti tqis li l-metodu ta' trattament maħsub mhuwiex aċċettabbli fir-rigward ta' ħarsien ambjentali, b'mod partikolari meta l-metodu mhuwiex skond il-paragrafu 3 ta' Skeda 4, hija għandha tirrifjuta li toħroġ il-permess.

(2) Fil-proċess biex jiġi stabbilit jekk għandhux jinħareġ jew li jiġi rifjutat permess lill-applikant, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu kont ta':

(a) l-idoneità ta' l-applikant li jwettaq l-attività proposta, wara li tikkunsidra, kif applikabbli:

(i) rekord tiegħu ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti, l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u ta' regolamenti oħra magħmula taħtu;

(ii) kapaċità finanzjarja tiegħu li jikkonforma ma' l-obbligi kollha u l-passiv li jistgħu jinqalgħu mill-attività proposta taħt dawn ir-regolamenti, jew il-kapaċità tiegħu li joffri sigurtà finanzjarja bħal din għalhekk bħala l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ; u

(iii) kwalifiki, esperjenza u kompetenza teknika tiegħu biex iwettaq l-attività proposta b'mod sikur u b'riskju minimu għas-saħħa umana u l-ambjent, u biex jirrispettaw kull kondizzjoni stabbilita f'dan ir-rigward mill-Awtorità Kompetenti;

(b) il-miżuri li jippproponi li jieħu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ħsara għas-saħħa umana u l-ambjent li jirriżultaw mill-attività proposta tiegħu;

(ċ) jekk hu jippproponi li jirkupra l-iskart, metodi proposti tiegħu, u kif qiegħed jippproponi li b'mod sigur jiddisponi minn xi residwi;

(d) l-użu ta' l-aħjar teknoloġija disponibblili li ma tinvolvix spejjeż eċċessivi; u

(e) kull konsiderazzjoni rilevanti oħra li l-Awtorità Kompetenti tqis xieraq li tieħu kont.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, meta tirrifjuta applikazzjoni għal permess.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' titlob mingħand l-applikant kull informazzjoni relevanti għad-deliberazzjonijiet tagħha taħt dan ir-regolament. Nuqqas min-naħa tal-applikant biex jipprovdi informazzjoni bħal din lill-Awtorità Kompetenti jew li jikkooperaw mal-investigazzjonijiet tagħha jista' jikkostitwixxi raġunijiet għar-rifjut ta' permess.

Obbligi fil-kura ta' wara.

22. L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ permess suġġett għal dawk il- kundizzjonijiet u obbligi li hija tqis meħtieġa, inkluż l-obbligi fil-kura ta' wara, u l-għoti ta' assigurazzjoni finanzjarja xierqa li għandhom isiru fi żmien stipulat mill-applikant favur l-Awtorità Kompetenti.

Varjazzjonijiet fil-permess.

23. (1) Meta l-Awtorità Kompetenti tqis li l-kundizzjonijiet inklużi fil-permess ma jkunux għadhom adegwati, jew li l-attività awtorizzata bil-permess joħloq riskju imprevist għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, hija tista':

(a) tbiddel it-termini u kundizzjonijiet inklużi fil-permess;

(b) tinnotifika avviż ta' rimedju fuq id-detentur tal-permess biex jistabbilixxi l-passi li għandhom jittieħdu biex ikunu konformi mal-kundizzjonijiet mibdula u biex jitneħħew ir-riskju jew periklu attwali kif ukoll il-perjodu li fih dawn il-passi għandhom ikunu mimlija.

Iżda l-Awtorità Kompetenti għandha tinkludi fl-avviż ta' rimedju tagħha l-passi li d-detentur tal-permess għandu jikkonforma magħhom sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni kif ukoll iż-żmien li fih dawk il-passi għandhom jittieħdu.

(2) Meta r-riskju mhux previst li jirriżulta minn attività awtorizzata b'permess ma jistax jiġi mtaffi bil-miżuri skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti tista' tissospendi l-permess kollu jew parti minnu kif neċessarju sabiex jiġi evitat ir-riskju.

(3) Meta l-Awtorità Kompetenti temmen li d-detentur ta' permess ikun, jew probabbilment ikun, bi ksur tal-kundizzjonijiet inklużi fil-permess tiegħu jew dawn ir-

regolamenti b'mod ġenerali, l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ avviż ta' infurzar li jispeċifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, il-passi li għandhom jittieħdu biex ikun evitat dan u ż-zmien li fih dawn il-passi għandhom isiru.

(4) Jekk detentur ta' permess jonqos milli jikkonforma ma' l-avviż ta' rimedju jew infurzar, l-Awtorità Kompetenti tista' tirrevoka l-permess kollu jew parti minnu u hi stess twettaq l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa, u jiġu paċuti l-ispejjeż imġarrba mill-assigurazzjoni finanzjarja tad-detentur tal-permess.

(5) Hija tista' wkoll iġġib fis-seħħ miżura punittiva speċifikata hemmhekk, tinkludi l-konfiska ta' l-assigurazzjoni finanzjarja kollha jew parti minnha.

Iżda, jekk l-ispiża ta' din l-azzjoni ta' rimedju jaqbeż l-assigurazzjoni finanzjarja, il-persuna responsabbli għandha tbati l-ispejjeż addizzjonali.

(6) Azzjoni mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subregolamenti (3) u (4) ta' dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal regolamenti 35, 36 u 37.

Waqfien ta' l-operazzjoni.

24. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tinkludi kundizzjonijiet għall-permess, li għandhom x'jaqsmu marriabilitazzjoni, monitoraġġ u azzjoni rimedjali, kif applikabbli, li għandhom jitwettqu wara l-waqfien ta' ġestjoni ta' skart jew attività tal-produzzjoni tal-iskart jew l-għeluq ta' sit ta' ġestjoni jew produzzjoni ta' l-iskart, skond kif ikun il-każ.

(2) Detentur tal-permess għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti bl-intenzjoni tiegħu biex iwaqqaf l-operazzjonijiet imwettqa minnu skond il-permess tiegħu, mill-inqas tliet xhur qabel ma jieħu azzjoni f'dan il-każ.

(3) Meta sit ġiet użata għall-iskopijiet ta' attività ta' ġestjoni tal-iskart, trid tagħlaq jew inkella tieqaf topera, l-Awtorità Kompetenti għandha tivvaluta s-sit in kwistjoni, partikolarment f'dak li jirrigwarda:

(a) l-istabbiltà fiżika tagħha;

(b) kull kontaminazzjoni;

(ċ) il-preżenza ta' residwi, u

(d) il-presenza ta' xi skarikar li jeħtieġu maniġġar.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ lid-detentur tal-permess li jipprovdi kull informazzjoni rilevanti għall-investigazzjonijiet tagħha, inkluż:

(a) l-istorja u l-użu tas-sit għall-ġestjoni jew produzzjoni ta' skart;

(b) il-preżenza ta' tniġġis u kontaminanti; u

(ċ) rapporti dwar teħid ta' kampjuni u ta' monitoraġġ.

(5) Wara l-investigazzjonijiet tagħha taħt dan ir-regolament, l-Awtorità Kompetenti tista':

(a) tikkonferma u iġġib fis-seħħ l-obbligi dwar il-kura ta' wara inklużi fil-permess skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament; u

(b) teħtieġ lid-detentur tal-permess li jieħu dawk il-miżuri addizzjonali li tqis meħtieġa fir-rigward tal-azzjoni remedjali, riabilitazzjoni, u monitoraġġ tas-sit għal ġestjoni jew għal produzzjoni ta' l-iskart.

(6) Id-detentur tal-permess għandu jkompli jkun marbut ma' l-obbligi tal-kura ta' wara imposti mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subregolamenti (1) u (5) ta' dan ir-regolament għal dak il-perjodu hekk kif jista' jistipula, minkejja li d-detentur tal-permess ma jibqax jopera jew huwa ma jibqax iżomm permess.

(7) Kull obbligi dwar il-kura ta' wara ma' sit li hija jew kienet għal ġestjoni ta' l-iskart għandha tiġi trasferita lill-proprjetarju l-ġdid fil-każ ta' bidla fis-sidien tas-sit in kwistjoni. Is-sid preċedenti għandu jinforma lis-sid il-ġdid dwar l-istorja marbuta ma' l-iskart tas-sit u, is-sid il-ġdid għandu jitlob dik l-informazzjoni mingħand is-sid preċedenti tas-sit in kwistjoni.

Eżenzjonijiet mir-responsabbilta` ċivili.

25. L-Awtorità Kompetenti għandha tkun eżenti mir-responsabbiltà ċivili għal dak li sar raġonevolment u in *bona fede* fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

Eżenzjonijiet minn rekwiżiti ta' permessi.

26. Stabbiliment jew intrapriżi u l-attivitajiet stabbiliti fi Skeda 4 għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti preskritti fis-subregolament (1) tar-regolament 19.

27. (1) Fejn dawn li ġejjin ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti ta' permess, l-Awtorità Kompetenti għandha żżomm reġistru ta': Reġistrazzjoni.

(a) stabbilimenti jew intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali;

(b) negozjanti jew sensara; u

(ċ) stabbilimenti jew intrapriżi li huma soġġetti għal eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' permess skond ir-regolament 27,

skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart. A.L. 106 tal-2007.

(2) Fejn ikun possibbli, ir-rekords eżistenti miżmuma mill-Awtorità Kompetenti għandhom jintużaw biex tinkiseb l-informazzjoni relevanti għal dan il-proċess ta' reġistrazzjoni sabiex jitnaqqas il-piż burokratiku.

PARTI V
PJANIJIET U PROGRAMMI

28. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi, skond ir-regolament 2 u Skeda 4, pjan wieħed jew aktar dwar il-ġestjoni tal-iskart. Pjanijiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

Dawk il-pjanijiet, weħidhom jew f'kombinament, għandhom ikopru t-territorju kollu ta' Malta.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-pjan ta' ġestjoni ta' skart jew pjanijiet:

(a) jinkludi dikjarazzjoni tal-*policies* ta' l-Awtorità sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifikati fil-Parti 1 ta' Skeda 4; u

(b) jinkludi l-kwistjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 ta' Skeda 4.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, jekk il-kwistjonijiet stabbiliti fil-Parti 3 ta' Skeda 4 għandhomx jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni ta' l-iskart.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-iskart ikun konformi mal-istrateġija għat-tnaqqis ta' l-iskart bijodegradabbli f'*landfill*, imsemmija fir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*).

A.L. 168 tal-2002.

(5) Dikjarazzjoni ta' policies li saru qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jkunu, jew jiffurmaw parti minn, pjan ta' ġestjoni ta' l-iskart.

Programmi dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart.

29. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi, skond ir-regolament 2 u Skeda 4, il-programmi dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 2013.

Dawn il-programmi għandhom jew:

(a) jiġu integrati fil-pjanijiet dwar il-ġestjoni ta' l-iskart previst fir-regolament 29 jew

(b) jiġu integrati fil-programmi tal-politika ambjentali oħra, kif xieraq, jew

(ċ) jiffunzjonaw bħala programmi separati.

Jekk dak il-programm huwa integrat fil-pjan għall-immaniġġar ta' l-iskart jew fi programmi oħra, il-miżuri ta' prevenzjoni ta' l-iskart għandhom ikunu identifikati b'mod ċar.

(2) Il-programmi previsti fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jistipulaw l-objettivi ta' prevenzjoni ta' l-iskart. L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeskrivi miżuri ta' prevenzjoni eżistenti u tevalwa l-utilità ta' l-eżempji tal-miżuri indikati fi Skeda 6 jew miżuri oħra xierqa.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi b'mod xieraq il-punti ta' referenza kwalitattivi jew kwantitattivi għall-miżuri ta' prevenzjoni ta' l-iskart li jkunu adottati biex jimmonitorjaw u jivvalutaw il-progress tal-miżuri u jistgħu jiġu stabbiliti miri kwalitattivi jew kwantitattivi speċifiċi u indikaturi, biex tevalwa l-valur tal-programmi ta' prevenzjoni ta' l-iskart.

Evalwazzjoni u reviżjoni ta' pjanijiet u programmi.

30. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-pjanijiet għall-immaniġġar ta' l-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart jiġu evalwati mill-inqas kull sitt snin, u riveduti kif ikun xieraq u, fil-każijiet fejn ikun rilevanti, skond Skeda 4 u miżuri oħra komunitarji.

Il-parteċipazzjoni pubblika.

31. Il-partijiet interessati rilevanti u l-awtoritajiet rilevanti u l-pubbliku ġenerali jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil tal-pjanijiet għall-immaniġġar ta' l-iskart u programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart, u jkollhom aċċess għalihom meta jkunu mfassla, skond ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi, jew, jekk rilevanti, il-Regolamenti ta' l-2010 dwar Stima Ambjentali Strateġika. Huma għandhom iqiegħdu l-pjanijiet u l-programmi fuq sit ta' l-internet li jkun aċċessibli għall- pubbliku.

A.L. 74 tal-2006.
A.L. 497 tal-2010.

PARTI VI
ISPEZZJONIJIET U REĠISTRI

Ispezzjonijiet.

32. (1) Stabbilimenti jew intrapriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' trattament, stabbilimenti jew intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali, is-sensara u n-negozjanti, u l-istabbilimenti jew intrapriżi li jipproduċu skart perikoluż għandhom ikunu soġġetti għal ispezzjonijiet perjodiċi xierqa mill-Awtorità Kompetenti.

(2) L-ispezzjonijiet fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' ġbir u trasport għandhom ikopru l-oriġini, in-natura, il-kwantità u d-destinazzjoni ta' l-iskart miġbur u trasportat.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tieħu kont tar-reġistrazzjonijiet miksuba taħt l-Iskema dwar Eko-Ġestjoni u Verifikar tal-Komunità (EMAS), b'mod partikolari rigward il-frekwenza u intensità tal-ispezzjonijiet.

Żamma ta' reġistri.

33. (1) L-istabbilimenti jew intrapriżi msemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 19, il-produtturi ta' skart perikoluż u l-istabbilimenti u intrapriżi li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart perikoluż fuq bażi professjonali, jew jaġixxu bħala negozjanti jew sensara ta' skart perikoluż, għandhom iżommu reġistru kronoloġiku tal-kwantità, in-natura u l-oriġini ta' l-iskart, meta jkun rilevanti, id-destinazzjoni, il-frekwenza tal-ġbir, il-mod ta' trasport u l-metodu tat-trattament mistenni fir-rigward ta' l-iskart, u għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli, fuq talba, lill-Awtorità Kompetenti.

(2) Fil-każ ta' skart perikoluż, ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-anqas tliet snin, ħlief fil-każ ta' stabbilimenti u intrapriżi li jittrasportaw skart perikoluż li għandhom iżommu dawk ir-reġistri għal mill-anqas 12-il xahar.

Prova dokumentata li l-operazzjonijiet ta' ġestjoni ikunu twettqu għandha tkun ipprovduta fuq talba ta' l-Awtorità Kompetenti jew ta' possessur preċedenti.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ l-produtturi ta' l-iskart mhux perikoluż biex jikkonformaw mas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament.

Infurzar u pieni.

34. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tipprojbixxi l-abbandun, rimi jew ġestjoni mhux kontrollat ta' l-iskart.

(2) Kull persuna tista' tkun ħatja ta' reat skond dawn ir-regolamenti jekk dik il-persuna:

(a) tabbanduna, titfa', tarmi jew inkella ġġorr l-iskart mhux skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tonqos li tikkonforma ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma ma' kundizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(ċ) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew rekwiżit impost minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(d) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(e) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'kull mezz, inkluż ir-reklamar, pariri jew flus biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos li tikkonforma ma' xi dispożizzjonijiet bħal dawn (inklużi xi ordni leġittimament mogħtija f'termini ta' kull dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt l-imsemmija regolamenti.

Pieni.

35. Kull persuna li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun responsabbli:

(a) fuq l-ewwel kundanna, multa ta' mhux inqas minn elf u mija u ħamsa u sittin euro (€1,165.00), iżda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u tletin euro (€ 2,330.00);

(b) fuq it-tieni kundanna jew dawk sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elfejn u tlett mija u tletin euro (€ 2,330.00), iżda mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u sittin euro (€ 4,660.00), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew multa u priġunerija flimkien:

